**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 346/2024**

**Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Julie Galdes**

Illum is-16 ta' Mejju 2024

Il Qorti:

Rat li tressqet taht arrest lil Julie Galdes ta' 36 sena, bint Dominic u Rita nee' Cassar, imwielda Pieta' nhar il-11 ta' Awwissu 1987 u tirrisjedi gewwa 43, Triq San Guzepp, Qormi, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0361587M akkuzata tali:

Nhar it-tmintax (18) t'April 2024 ghall-habta tad-disa' u nofs ta' filghodu (09:30), gewwa vettura pparkegata fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi ohra f dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommettiet serq ta' flus u/jew oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema valur tal-haga

misruqa jkun aktar elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghaddetriment ta' Charlene Camilleri u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

F 'kai ta' htija, barra milli tapplika 1-piena skont il-ligi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex thaddem kontra 1-hati d-dispoiizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiéi Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi 1-piena jew pieni li tistabbilixxi 1-Iigi;

F'kai ta' htija, barra milli tapplika 1-piena skont il-ligi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex thaddem kontra 1-hati d-dispoiizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiéi Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi 1-piena jew pieni li tistabbilixxi 1-Iigi;

F'kai ta' htija, bana milli tapplika 1-piena skont il-ligi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika 1-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiéi Kriminali ghas-sigurtà tal-partijiet leii; Ghaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxu é-éertifikat tat-twelid u 1-fedina penali tal-imsemmija Julie Galdes nitolbu li dan il-kaZ jigi ggudikat skont il-ligi.

Rat li waqt l-ewwel udjenza tat-22 ta’ April 2024 l-imputata wigebet li mhix hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.[1]

Rat li waqt l-udjenza tat-2 ta’ Mejju 2024 il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet b’tali mod li nehhiet l-addebitu tar-recidiva. Wara li l-imputata tat ruha notifikata bl-imputazzjonijiet godda b’mod volontarju ghazlet li tirregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputata wara li l-Qorti, a

[1] Folio 7 ta’ l-atti processwali

tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha u wissietha solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja taghha u tikkonsidra t-twegiba taghha u, jekk ikun il-kaz, terga' lura minnha.

Rat li l-imputata regghet tenniet u kkonfermat l-ammissjoni inkondizzjonata taghha.[2]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputata il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarha fil-konfront ta' l-imputata.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-Qosor**

Illi dan il-kaz huwa ta serq aggravate komess mill-imputata.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

---

[2] Folio 11-12 ta' l-atti processwali

Illi b'amissjoni ta' l-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2024 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibha hatja tar-reati addebitati lilha u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata minn din il-Qorti, tqis, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputata li filwaqt li mhix netta ma ghandha xejn alarmanti.[3]

- L-imputata irregistrat ammisssjoni fl-iktar stadju bikri li setghet u dan qabel ma tressqu ebda provi tal-prosekuzzjoni jew din il-Qorti kellha izzomm diversi seduti. Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[4], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[6] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[7]

  Ghaldaqstant jista jigi ikkunsidrat li l-ammissjoni saret fi stadju bikri u din sejra tigi kkunsidrata fil-piena.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Illi jirrizulta li l-imputata ikkooperat mal-pulizija tul l-investigazzjoni.

---

[3]Folio 9-10 ta' l-atti processwali
[4] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[5] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[6] Thomson Reuteurs, S-29
[7] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Illi jirrizulta li l-imputata ghandha problema akuta ta' droga li hakkmitilha hajjitha u spiccat tirrikorri ghal-kriminalita.

- Il-Qorti semghet lil-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha taghmel rakkomandazzjoni sabiex tinghata sentenza sospiza fil-massimu, Ordni ta' Trattament sabiex tindirizza l-problema tad-droga li ghandha filwaqt li tinghata zmien skont il-ligi sabiex tirrifondi l-flus misruqa.

- Illi d-difiza abbracjat ruha ma dan is-suggeriment.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tara li huma legalment proponibbli.

- Illi r-reat huwa meqjus aggravat in vista ta' l-ammont u x-xorta tal-haga misruqa. Ghaldaqstant din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali.

- Illi skont l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum,il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputata izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti

l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

- Il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li l-piena karcerarja fic-cirkostanzi ta' l-imputata mhix ser ikun l-ahjar piena fic-cirkostanzi tal-kaz u tqis li piena alternattiva ghal-habs hija l-iktar idoneja.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216(c)(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Julie Galdes fuq ammissjoni taghha stess, **hatja** ta' l-imputazzjoni dedotta kontriha u tikkundanaha prigunerija ghal sentejn (2) li bl'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tissospendi l-piena ghal zmien erba snin mill-illum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(A) u 28H(2) tal-Kodici Kriminali tordna lill-hatja thallas fi zmien sitt xhur mill-llum is-somma ta' elf u tlett mija (€1,300) lil Charlene Camilleri. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputata u li permezz taghha hija tkun tista' tiġi mgħejjuna tegħleb il-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali tqieghed lill-ħatja taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta'

tlett (3) snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita taghha naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li hija ma toqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hatja a favur ta' Charlene Camilleri ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar it-16 ta' Mejju 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**